

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

A6-0002/2008

7.1.2008

RAPPORT

dwar l-Istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea li tiżgura aċċess għas-suq għall-kumpaniji Ewropej
(2007/2185(INI))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Ignasi Guardans Cambó

PR_INI

WERREJ

	Pàġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	4
NOTA SPJEGATTIVA	13
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA	19
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	22

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-Istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea li tiżgura aċċess għas-suq għall- kumpaniji Ewropej (2007/2185(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni bl-isem ta' "L-Ewropa Globali: Partenarjat aktar b'saħħtu biex itejjeb l-aċċess għas-swieq għall-esportaturi Ewropej (COM(2007)0183),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni bl-isem ta' "L-Ewropa Globali: kompetizzjoni dinjija. Kontribut lill-Istrateġija ta' l-UE għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi" (COM(2006)0567),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Ewropa Globali: Strumenti għad-Difiża tal-Kummerċ ta' l-UE f'ekonomija dinjija li qed tinbidel. Green Paper għal konsultazzjoni pubblika" (COM(2006)0763),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2006 dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali ma' l-Indja¹,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2006 dwar ir-rapport annwali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar attivitajiet ta' anti-dumping, ta' kontra s-sussidji u ta' salvagwardja ta' pajjiżi terzi kontra l-Komunità (2004)²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-4 ta' April 2006 dwar il-valutazzjoni tar-Rawnd ta' Doha wara l-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Hong Kong³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2006 dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u l-MERCOSUR għall-konklużjoni ta' Ftehma ta' Assoċjazzjoni Interreġjonali⁴,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi transatlantiċi bejn l-UE u l-Istati Uniti⁵,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2005 dwar il-prospetti għar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u ċ-Ċina⁶,

¹ ĠU C 306 E, 15.12.2006, p. 400.

² ĠU C 313 E, 20.12.2006, p. 276.

³ ĠU C 293 E, 2.12.2006, p. 155.

⁴ ĠU C 308 E, 16.12.2006, p. 182.

⁵ ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 235.

⁶ ĠU C 233 E, 28.9.2006, p. 103.

- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titlu 'Riformi ekonomiċi u kompetittività: il-messaġġi ewlenin tar-Rapport dwar il-Kompetittività Ewropea 2006 (SEC(2006) 1467),
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-tilu 'L-Implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona: Qafas ta' Politika għat-Tisħiħ ta' l-industrija tal-manifattura ta' l-UE – lejn strateġija aktar integrata għall-politika industrijali' (COM(2005)0474),
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Marzu 2006,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kontribut għall-Kunsill tar-Rebbiegħa ta' l-2006 fir-rigward ta' l-Istrateġija ta' Liżbona¹,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu: 'L-UE u ċ-Ċina: Partenarjat Imsaħħaħ, Responsabbiltajiet Ikbar' (COM(2006)0631) u d-dokument ta' ħidma li jakkumpanja bit-titlu 'Partenarjat Imsaħħaħ, Responsabbiltajiet Ikbar: Dokument ta' politika dwar il-kummerċ u l-investment bejn l-UE u ċ-Ċina: Kompetizzjoni u Partnerjat' (COM(2006)0632),
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu 'L-implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona – Politika Moderna ta' l-SMEs għat-Tkabbir u l-impjiegi' - (COM(2005)0551),
 - wara li kkunsidra r-Regola 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0002/2008),
- A. billi l-Unjoni Ewropa hija attur ewlieni fil-kummerċ dinji, u għandha tkompli turi tmexxija fis-sistema ekonomika dinjija sabiex tagħmilha aktar ġusta u li tirrispetta aktar id-drittijiet ambjentali u soċjali,
 - B. billi l-Unjoni Ewropea hija l-akbar esportatur u l-akbar fornitur ta' servizzi fid-dinja, u għaldaqstant għandha interess qawwi li tiżgura li jinfetħu swieq ġodda għall-prodotti, servizzi u investimenti,
 - C. billi l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li timplimenta strateġiji aktar ambizzjużi u li jaħsbu fil-ġejjieni sabiex jilqgħu l-isfidi tal-globalizzazzjoni u jikkonfrontaw kompetizzjoni akbar minn ekonomiji ewlenin li qed jitfaċċaw, filwaqt li jippreservaw il-mudell ekonomiku, reġjonali u soċjali Ewropew,
 - D. billi jaqbel li l-ftuħ ekonomiku, kemm intern kif ukoll estern, huwa vitali għall-ħolqien ta' l-impjiegi u t-tkabbir kif ukoll sabiex tinżamm il-kompetittività internazzjonali; u billi għaldaqstant l-Unjoni Ewropea għandha, fil-qafas ta' l-istrateġija ta' l-aċċess għas-swieq, tkompli x-xogħol tagħha li tiftaħ is-swieq ta' l-UE kif ukoll li tinkoraġġixxi l-imsieħba kummerċjali tagħha sabiex ineħħu l-ostakoli tagħhom stess, filwaqt li jkompli jifethu s-

¹ ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 321.

swieq tagħhom,

- E. billi l-aċċess adegwat għas-swieq ta' pajjiżi terzi ser jagħmilha possibbli li l-produtturi domestiċi ta' l-Unjoni Ewropea jibqgħu mexxejja fir-rigward ta' prodotti u servizzi b'valur miżjud għoli, sabiex titjeb l-innovazzjoni tal-prodotti tagħhom, tiġi promossa l-kreattività, jiġu mħarsa d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (IPRs) u jinkisbu ekonomiji ta' skala sinjifikanti,
- F. billi żviluppi fil-kummerċ internazzjonali jagħmel l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi importanti daqs id-difiża tas-swieq ta' l-Unjoni Ewropea minn Prattiki kummerċjali inġusti,
- G. billi l-liberalizzazzjoni tas-suq u l-volum dejjem jikber ta' kummerċ jipromwovi l-kompetizzjoni internazzjonali, iżda jżid ukoll ir-riskju li l-esportazzjonijiet ikunu suġġetti għal ostakoli kummerċjali, li jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetittività internazzjonali ta' kumpaniji ta' l-Unjoni Ewropea,
- H. billi l-kompetittività ta' l-ekonomija ta' l-Unjoni Ewropea ma tistax ma tkunx effettwata minn aġir protezzjonist li mhux ibbażat fuq ir-regoli tad-WTO, kemm jekk fil-Komunità u kemm jekk barra minnha,
- I. billi t-tneħħija ta' l-ostakoli għall-kummerċ ċertament ser itejbu l-esportazzjonijiet Ewropej ta' prodotti u servizzi u jggarantixxu tkabbir sod fl-ekonomija ta' l-Unjoni Ewropea,
- J. billi jeħtieġ jitqies il-ħarsien ineffettiv tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, inklużi l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' oriġini, mill-imsieħba kummerċjali dinjija ta' l-Unjoni Ewropea,
- K. billi huwa importanti ħafna li ssir distinzjoni bejn ostakoli a priori u mhux ġustifikati għall-kummerċ, li jirriżultaw minn implimentazzjoni mhux koerenti ta' regoli tal-kummerċ bilaterali u multilaterali stabbiliti, u ostakoli għall-kummerċ li jirriżultaw mill-attività leġislattiva u amministrattiva leġittima ta' awtoritajiet pubbliċi li tkun tirriżulta minn oqsma oħra apparti l-kummerċ iżda li jkollha konsegwenzi mhux intenzjonati fuq il-kummerċ,
- L. billi proċeduri tad-dwana tqal għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu, restrizzjonijiet sanitarji u fito-sanitarji mhux ġustifikati fi ħdan ir-regoli eżistenti tad-WTO, l-użu inġust ta' strumenti ta' difiża kummerċjali (TDIs), u ħarsien dgħajjef tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali huma b'mod ċar ostakoli a priori u mhux ġustifikati għall-kummerċ li jeħtieġ li jiġu indirizzati sabiex jiġi faċilitat l-aċċess għas-swieq għal kumpaniji Ewropej,
- M. billi, minkejja d-diffikulta kbira li ssir stima b'eżattezza ta' l-ammont ta' kummerċ ta' l-Unjoni Ewropea li jiġi ostakolat minħabba restrizzjonijiet tas-suq ta' pajjiżi barranin, jidher ċar li l-ostakoli għall-kummerċ għandhom impatt sinjifikanti fuq il-prestazzjoni ġenerali ta' l-esportazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea,
- N. billi l-preżenza ekonomika ta' l-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali hija aktar b'saħħitha fil-

pajjiżi industrijalizzati fejn id-domanda hija statika, iżda ħafna aktar dgħajfa f'inħawi li qed jikbru b'rata mgħagħgla u fi swieq li qed jitfaċċaw bħaċ-Ċina u l-Indja,

- O. billi l-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali hija meqjusa li hi suq miftuħ ħafna u trasparenti li jaħdem b'mod serju kontra l-aġir anti-kompetittiv u jiggarrantixxi kundizzjonijiet ġusti għall-importazzjonijiet kollha indipendentement mill-oriġini tagħhom,
- P. billi t-tariffi għoljin għadhom jirrappreżentaw ostakolu sinifikanti għall-kummerċ, b'mod speċjali fir-rigward ta' pajjiżi ġodda ewlenin,
- Q. billi d-WTO, minkejja l-fatt li hi l-unika forum effettiv għall-iżgurar ta' aċċess għas-swieq u għall-kisba ta' kummerċ ġusti u ekwi globalment, għadha mhix regulatorja biżżejjed, u għadha ma torbotx biżżejjed; billi l-projezzjoni tal-mudell tal-governanza Ewropew jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' regoli xierqa u jiżgura sistema regulatorja aktar stabbli u aktar komprensiva għall-kummerċ dinji,
- R. billi hu fl-interess ġenerali tal-Kummissjoni li tiżgura li l-leġiżlazzjoni u l-prattiki kummerċjali adottati mill-imsieħba tagħha jkunu konformi sa fejn hu possibbli mar-regoli tad-WTO u ma' regoli oħra internazzjonali,
- S. billi l-ostakoli għall-kummerċ u l-ostakoli interni (behind-the-borders) ma jolqtux biss lill-kummerċ tal-prodotti iżda wkoll jeffettwaw b'mod sinjifikanti lill-kummerċ fis-servizz u lill-appalt pubbliku,
- T. billi s-soluzzjoni għall-problemi u effettività akbar fid-difiża ta' l-interessi u l-aspettattivi leġittimi ta' l-industrija ikunu ta' benefiċċju għall-Unjoni Ewropea wkoll f'termini ta' viżibilità u kredibilità,
- U. billi biex jintlaħqu l-oġettivi ta' l-Aġenda ta' Liżbona riveduta, l-industriji fl-UE jeħtieġu jiżviluppaw u jżommu pożizzjonijiet kompetittivi u stabbli fis-suq globali,
- V. billi din il-kompetittività, speċjalment għal impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), tiddependi dejjem aktar mir-riċerka, mill-iżvilupp, mill-innovazzjoni u mill-IPRs,
- W. billi żewġ prerekwiżiti ta' din il-kompetittività huma min-naħa waħda l-forniment sikur u assigurat ta' l-enerġija u min-naħa l-oħra l-aċċess mingħajr xkiel għan-negozji ta' l-Unjoni Ewropea għal iktar teknoloġiji moderni ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni;

Ħarsa ġenerali

1. Jenfasizza li l-implimentazzjoni b'suċċess ta' strateġija aktar ambizzjuża ta' aċċess għas-swieq, maħsuba sabiex tiftaħ swieq dinjija ġodda għall-prodotti u s-servizzi Ewropej, aktarx li mhux biss se tkabbar l-irwol dinji ta' l-UE, iżda wkoll ser tipproteġi l-impjiegi eżistenti u toħloq impjiegi oħra fl-Ewropa, ittejjeb il-kompetittività ta' l-Unjoni Ewropea u tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-kisba ta' l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Liżbona;
2. Ifakkar li l-istrateġija ta' l-UE li tipprovdi aċċess għas-swieq hija maħsuba speċifikament sabiex tindirizza ekonomiji żviluppati u ekonomiji li qed jitfaċċaw;

3. Jenfasizza li l-prestazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fl-esportazzjonijiet lejn ekonomiji żviluppati kif ukoll dawk li qed jitfaċċaw, sikwit hija mxekkla minn nuqqas ta' reċiproċità rigward il-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-swieq, grad insuffiċjenti ta' konformità mar-regoli tal-kummerċ internazzjonali u l-proliferazzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti;
4. Ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-interessi kummerċjali leġittimi ta' l-Unjoni Ewropea jiġu mħarsa mill-prattiki kummerċjali abbużivi jew inġusti ta' pajjiżi terzi; hu tal-fehma li meta pajjiżi terzi jirringu b'mod mhux ġustifikabbli lill-kumpaniji ta' l-Unjoni Ewropea mill-aċċess għas-swieq tagħhom, l-Unjoni Ewropea għandha tirreaġixxi b'mod rapidu u sod;
5. Jinnota l-importanza dejjem akbar ta' kwistjonijiet regulatorji fil-kummerċ internazzjonali; jitlob għal aktar konsistenza bejn ir-regoli u l-prattiki ta' l-Unjoni Ewropea u dawk ta' l-imsieħba kummerċjali ewlenin tagħha; jenfasizza li l-armonizzazzjoni tar-regoli u r-regolamenti m'għandhiex twassal li jiddgħajfu l-liġijiet tas-saħħa, tas-sikurezza, ta' l-ambjent u dawk soċjali fl-Ewropa, iżda li minflok twassal sabiex jibda l-proċess għall-adozzjoni ta' regoli aħjar mill-imsieħba kummerċjali ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea;
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jadottaw approċċ fuq medda twila ta' żmien dwar it-tagħwiġ strutturali li, min-natura tiegħu, aktarx se jkompli jew ser jerġa' jfeġġ anke wara li l-Kummissjoni tkun ħadet passi; ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex ma tinjorax każijiet fejn ma tantx ikun hemm ċans ta' eliminazzjoni bikrija ta' l-ostakoli meta t-tneħħija tagħhom madankollu tkun meħtieġa sabiex terġa' toħloq kundizzjonijiet kummerċjali ekwi fi swieq barranin ewlenin;
7. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tqis il-ksur serju u sistematiku tar-regoli tad-WTO jew tal-liġijiet kummerċjali internazzjonali oħra bħala li jirrikjedu rimedju f'waqtu u li tiżgura li l-infurzar ta' dan it-tip ta' regoli ma jkunx subordinat għal kunsiderazzjonijiet politiċi u ekonomiċi oħra ħlief dawk relevanti għall-każ innifsu;
8. Ihegġegħ lill-pajjiżi terzi sabiex ineħħu r-restrizzjonijiet fuq is-sjieda barranija għal kumpaniji Ewropej u li jneħħu regoli diskriminatorji;
9. Jilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ suġġerit mill-Kummissjoni għas-selezzjoni ta' prijoritajiet għall-aċċess għas-swieq, iżda jhegġegħ li jitqiesu kriterji oħra li jiżguraw li din l-inizjattiva ġdida tgħin lill-akbar numru possibbli ta' operaturi ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea u b'mod partikulari lill-SMEs, li s-sopravivenza tagħhom b'mod inevitabbli tiddependi fuq id-definizzjoni ċara u l-infurzar effettiv tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u fuq restrizzjonijiet definittivi fuq il-qligħ ġenerat minn kumpaniji li jgawdu monopolji;
10. Jenfasizza li suċċess fil-ġlieda kontra l-ostakoli kummerċjali ser tistimula l-investment, il-produzzjoni u l-kummerċ fl-Unjoni Ewropea u fid-dinja billi inter alia, tagħmel il-kundizzjonijiet ta' l-aċċess għas-swieq aktar trasparenti, prevedibbli u kompetittivi u tistabbilixxi jew issaħħaħ ir-rabta bejn l-Unjoni Ewropea u s-swieq internazzjonali;
11. Jemmen li Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs) mal-pajjiżi li huma fil-mira ta' l-Unjoni Ewropea mhumiex se jkollhom valur sakemm dawn ma jiżgurawx l-aċċess għas-swieq u progress reali għat-tnaqqis u għall-eliminazzjoni ta' ostakoli li mhumiex tariffi li, tajjeb li

wieħed jiftakar, sikwit jgħawġu l-kummerċ aktar mill-ostakoli fil-forma ta' tariffi;

II-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

12. Jilqa' b' sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tistabbilixxi sħubija aktar b' saħħitha sabiex tipprovdi aċċess għas-swieq għall-esportaturi Ewropej, b' mod partikulari sabiex jinkisbu riżultati konkreti għan-negozji Ewropej billi jitjieb l-aċċess għas-swieq fi swieq li qed jitfacaw fejn in-negozji Ewropej jiltaqgħu ma' ostakoli ġodda u kumplessi għan-negozju u l-investment; u jilqa' b' sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tikkordina l-objettivi u l-għodod tal-politika tal-kummerċ ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-istrateġija għall-aċċess għas-swieq b'tali mod li din l-inizjattiva tikkontrolla b' mod effettiv il-potenzjal ta' l-Unjoni Ewropea fl-oqsma tal-kummerċ internazzjonali u tal-kompetittivita globali;
13. Jilqa' b' sodisfazzjon, b' mod partikulari, il-proposti tal-Kummissjoni sabiex tiġi stabbilita sħubija aktar b' saħħitha bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, u n-negozji ta' l-Unjoni Ewropea bil-għan li tgħin b' mod dirett lill-operaturi ekonomiçi jegħlbu d-diffikultajiet konkreti li jsibu sabiex ikollhom aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi b' mod u f' qafas ta' żmien li jkun kompatibbli mar-realta tan-negozju;
14. Hu tal-fehma li l-Kummissjoni jista' jkollha rwol sinjifikanti fl-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ġdida ta' aċċess għas-swieq billi tiżgura grad xierqa ta' koordinazzjoni bejn l-azzjonijiet fil-livell nazzjonali u dak Komunitarju, tikkontrolla riżorsi li kieku kienu jtiferrxu u tiżgura difiża aktar effiċjenti tad-drittijiet u l-interessi ta' l-esportaturi Ewropej;
15. Hu tal-fehma li l-Unjoni Ewropea għandha irwol indispensabbli sabiex tiggarrantixxi kundizzjonijiet indaq fil-kummerċ internazzjonali, b' koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri u b' qies għall-prinċipju tas-sussidjarjeta u l-bilanç ta' kompetenzi eżistenti;
16. Jenfasizza l-importanza ta' evalwazzjonijiet perjodiçi kwalitattivi u kwantitattivi tar-riżultati ta' l-istrateġija ta' l-aċċess għas-swieq, sabiex tkun evalwata l-effettivita tagħha; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa pjan ta' azzjoni xieraq għall-aċċess għas-swieq, u tippreżenta rapport annwali dwar l-aċċess għas-suq lill-Parlament li jkun simili għal dak li ġie ppreżentat diġà rigward it-TDIs;
17. Jiddispiacih li diversi rakkomandazzjonijiet raġonevoli u bbażati fuq –esperjenza mill-komunita tan-negozju ġew injorati fil-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq bit-titlu “Ewropa Globali: sħubija aktar b' saħħitha biex jingħata aċċess għas-suq lil esportaturi Ewropej”; u jħeġġeġ lill-Kummissjoni li tqis dawn ir-rakkomandazzjoni waqt l-implimentazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni;

Inizjattivi ta' aċċess għas-swieq fl-Unjoni Ewropea

18. Jenfasizza l-ħtieġa għal koperazzjoni ulterjuri bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri bil-għan li jaqsmu bejniethom l-informazzjoni u l-prattiki tajba; jistieden lill-Istati Membri sabiex joħolqu networks ta' helpdesks nazzjonali jew, jekk huwa xieraq, reġjonali, sabiex jiċċentralizzaw l-informazzjoni u l-klejms, filwaqt li tingħata attenzjoni speçjali lill-interessi u l-ħtiġijiet ta' l-SMEs;

19. Hu tal-fehma li l-effikaċja ta' dan it-tip ta' networks titjeb b'mod sinjifikanti jekk l-assoċjazzjonijiet ta' l-industrija nazzjonali u lokali, il-kmamar tal-kummerċ u aġenziji oħra għall-promozzjoni tal-kummerċ jipparteċipaw fil-proċess ta' stabbiliment ta' dawn in-networks;
20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex itejbu l-irwol tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Aċċess għas-Swieq (Market Access Advisory Committee - MAAC) u jiżguraw kuntatt permanenti mal-Kumitat ta' l-Artikolu 133, il-Kumitat ta' Regolamentazzjoni ta' l-Ostakoli għall-Kummerċ u Kumitati rilevanti oħra;
21. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħloq sistema ta' djalogu permanenti li jippermetti lill-Istati Membri, u, meta jkun xieraq, lir-reġjuni u lill-partijiet konċernati oħra Ewropej li jaqsmu l-informazzjoni u jiddefinixxu l-istrateġiji u l-prijoritajiet;
22. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra dan li ġej meta timplimenta l-istrateġija tagħha ta' aċċess għas-swieq:
- li jinħatar aktar persunal ibbażat fi Brussell għall-unità li titratta kwistjonijiet ta' aċċess għas-swieq;
 - toħloq reġistru ta' l-ilmenti effettivi fi ħdan id-DĠ għall-Kummerċ;
 - tiżviluppa linji gwida strutturati għall-itrattar ta' kull kategorija ta' ostakoli li mhumiex tariffi;
 - toħloq help-desk għall-Istati Membri u l-kumpaniji (b'taqsimha dedikata għall-SMEs) fi ħdan id-DĠ għall-Kummerċ;
 - tirrevedi u ttejjeb il-politika tal-komunikazzjoni relatata ma' servizzi ta' aċċess għas-swieq provduta mill-Kummissjoni, b'enfasi partikulari fuq l-SMEs;
 - iżżid in-numru ta' utenti potenzjali billi toffri informazzjoni bażika (pereżempju brochures u fuljetti) fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-Unjoni;
 - ittejjeb il-Bażi tad-Dejta ta' l-Aċċess għas-Swieq (Market Access Database - MADB) sabiex din taqbel aktar mal-ħtiġijiet tan-negozju u jagħmluha aktar faċli għall-utenti;
 - ittejjeb il-koperazzjoni, il-koerenza u l-komunikazzjoni interni fost is-servizzi tal-Kummissjoni li jitrattaw kwistjonijiet ta' aċċess għas-swieq;
 - tiżgura l-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tal-komunità tan-negozju fl-MAAC;
 - l-iżvilupp ta' linji gwida strukturati għall-prijoritajiet, fosthom liema swieq, setturi u barrieri għandha ssir enfasi fuqhom;
 - issaħħaħ il-pożizzjoni tagħha f'korpi internazzjonali ta' standardizzazzjoni, bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO);

Inizjattivi ta' aċċess għas-swieq f'pajjiżi terzi

23. Jitlob li jkun hemm koordinazzjoni aktar strutturata bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri f'pajjiżi terzi li tagħmel possibbli użu aktar effiċjenti tar-riżorsi diplomatiċi u governattivi li jitrattaw kwistjonijiet ta' aċċess għas-swieq;
24. Jenfasizza l-ħtieġa li jingħata mandat ċar u ambizzjuż lid-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll lit-Timijiet ta' Aċċess għas-Swieq li nħalqu issa li jinsabu f'pajjiżi terzi; itenni li l-istrateġija ta' aċċess għas-swieq ser tkun ta' suċċess biss jekk l-Istati Membri huma lesti li jikkontribwixxu bir-riżorsi tagħhom stess, kemm umani kif ukoll finanzjarji, bi proporzjon għall-mezzi, l-interessi u l-oġettivi tagħhom;
25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex itejbu l-koperazzjoni ma' kmamar tal-kummerċ Ewropej u aġenziji tal-promozzjoni tal-kummerċ ta' l-Istati Membri li qegħdin f'pajjiżi terzi u sabiex jiżguraw skambju ta' informazzjoni xieraq bejn id-delegazzjonijiet, l-ambaxxati ta' l-Istati Membri, korpi governattivi oħra tal-kummerċ barrani u assoċjazzjonijiet tan-negozju Ewropej li jkunu interessati;
26. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex terġa' tagħti prijorità lill-iskjerament u eventwalment liż-żieda tar-riżorsi umani disponibbli għad-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, sabiex ikun hemm aktar staff disponibbli biex jistabbilixxu u jiżguraw l-iffunzjonar tat-timijiet ta' aċċess għas-suq, b'mod partikulari f'delegazzjonijiet ewlenin bħal, inter alia, Beijing, New Delhi, Moska u Brasilia;

Kwistjonijiet settorjali

27. Jappoġġja l-ħolqien ta' inizjattivi dedikati, fil-qafas ta' l-istrateġija ta' aċċess għas-swieq, sabiex jitrattaw l-ostakoli b'mod partikulari fl-oqsma tas-servizzi, l-appalt pubbliku, l-investment u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-għajnuna statali u sussidji oħra u sabiex jiġu stabbiliti regoli dwar il-kompetizzjoni u l-implimentazzjoni xierqa tagħhom f'pajjiżi terzi;
28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-SMEs ikunu jistgħu igawdu b'mod konsistenti mill-inizjattivi l-ġodda ta' aċċess għas-swieq; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi azzjonijiet ad hoc li jkollhom l-għan li jsaħħu l-preżenza tal-prodotti ta' l-SMEs fis-swieq ta' pajjiżi terzi u jiddefendu d-drittijiet leġittimi tagħhom fil-konfront ta' prattiki ta' pajjiżi barranin li jaħsbu fihom infushom biss;

L-approċċ multilaterali

29. Jenfasizza l-ħtieġa li jinħolqu sinerġiji ma' l-imsieħba kummerċjali ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea (bħall-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Kanada u l-Ġappun) bil-għan li jiddefinixxu strateġija komuni ta' aċċess għas-swieq u li jwittu t-triq għal fteħima multilaterali meħtieġa ħafna dwar l-aċċess għas-swieq;
30. Jenfasizza l-ħtieġa għal aktar promozzjoni ta' koperazzjoni u approssimazzjoni regulatorji internazzjonali aktar profondi sabiex titneħħa d-duplikazzjoni fil-ħela u tnaqqas l-ispejjeż għall-konsumaturi, l-industrija u l-gvernijiet; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi t-tqarrib progressiv ta' l-istandards u tar-regoli ta' l-Unjoni Ewropea u l-imsieħba kummerċjali tagħha, kemm b'mod multilaterali u bilaterali;

31. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi mekkaniżmi dedikati tad-WTO li jippermettu kunsiderazzjoni aktar malajr sabiex tindirizza ostakoli ġodda u li qed jitfaċċaw li mhumiex tariffi; f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi lill-imsieħba kummerċjali oħra sabiex jagħmlu aktar użu mill-proċeduri ta' notifika skond il-Ftehimiet dwar l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ (Technical Barriers to Trade - TBTs);
32. Jinsisti li għandu jinżamm fokus ċar dwar l-infurzar u l-iżgurar tal-konformità ta' pajjiżi terzi ma' l-obbligi tagħhom tad-WTO, billi jsegwu dan id-dritt permezz tal-Mekkaniżmu ta' Lħuq ta' Ftehim għal Tilwim tad-WTO;

Il-ġejjieni

33. Hu tal-fehma li, sakemm ma jkunx ġustifikat minħabba kwistjonijiet relatati ma' l-iżvilupp, l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel l-aħjar sforzi tagħha sabiex tikseb konċessjonijiet mill-imsieħba kummerċjali tagħha li jkunu proporzjonali għal-livell ta' żvilupp tagħhom;
34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tinkludi fil-ġenerazzjoni l-ġdida ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles u fi ftehimiet oħra bl-implikazzjonijiet kummerċjali, dispożizzjonijiet ċari dwar l-infurzar u l-ilħuq ta' ftehim f'każ ta' tilwim, li jkunu mfassla b'mod speċjali sabiex jitrattaw ostakoli 'interni' ('behind-the-border' barriers);
35. Jistieden lill-imsieħba kummerċjali ta' l-Unjoni Ewropea sabiex "iżarmaw" kwalunkwe ostakoli li jillimitaw l-aċċess għas-swieq ta' prodotti u servizzi, u minflok itejbu l-opportunitajiet kummerċjali reċiproċi fuq il-bażi tar-reċiproċità, inkluż permezz ta' l-implimentazzjoni sodisfaċenti ta' miżuri għall-ftuħ tas-suq li jirriżultaw minn negozjati bilaterali, reġjonali u multilaterali;
36. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirrapporta b'mod annwali lill-Parlament Ewropew dwar il-progress u r-riżultati ta' l-istrateġija ta' aċċess għas-swieq, filwaqt li tagħti attenzjoni partikulari lill-prijoritajiet li ġew stabbiliti;

o

o o
37. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-komunikazzjoni bit-titlu: 'Ewropa globali: Partenarjat aktar b'saħħtu biex itejjeb l-aċċess għas-swieq għall-esportaturi Ewropej', maħruġa mill-Kummissjoni fit-18 ta' April 2007, bla dubju hija pass sinjifikanti lejn ħarsien aħjar u aktar effettiv ta' l-interessi kummerċjali globali ta' l-Ewropa.

Il-politika tal-kummerċ barrani ta' l-UE, li inizjalment ma ngħatatx attenzjoni mill-'Istrateġija ta' Liżbona', f'dawn l-aħħar snin reġgħet għet fuq quddiem b'mod viżibbli bħala fokus ta' interess topiku. Il-globalizzazzjoni tefgħet dubju fuq il-bilanċ li ilu stabbilit u ħolqot il-ħtieġa għal riflessjoni mill-ġdid u profonda ta' l-għanijiet u l-prijoritajiet ta' l-UE, kemm dawk interni kif ukoll dawk esterni.

Il-kompetittività ta' l-industrija Ewropea ċertament jeħtieġ li titpoġġa fil-qofol ta' l-aġenda Komunitarja. Jekk il-kumpaniji Ewropej jistgħu jiġu magħmula aktar kompetittivi, ikun possibbli li jinħolqu impjiegi b'ħiliet, jiġi żgurat it-tkabbir ekonomiku ta' l-Ewropa, tiġi garantita s-sopravivenza tas-sistema tal-benessri Ewropea, u jiġi żgurat li l-UE tkun tista' tibqa' poter kummerċjali ewlieni fis-seklu 21.

Tul dawn l-aħħar ftit snin, il-Kummissjoni poġġiet ħafna mit-tamiet tagħha fuq riżultati sodisfaċenti għan-negozjati tar-Rawnd tad-Doha, u sikwit ma qisitx il-valur tal-kontribut li setgħet tagħti il-politika kummerċjali għas-suċċess ta' l-istrateġija ta' Liżbona. Il-falliment tan-negozjati multilaterali u l-inizjattivi Ewropej fil-qasam tal-kompetittività li pjuttost ma ħallewx frott, dan l-aħħar sfurzaw lill-UE li tirrevedi l-approċċ tagħha minn fuq s'isfel; l-istrateġija ta' Liżbona għaldaqstant tbiddlet fl-2005, u komunikazzjoni bit-titlu, 'L-Ewropa Globali - Kompetizzjoni dinjija', għet ippubblikata fl-2006.

Wieħed mill-aspetti ċentrali ta' 'L-Ewropa Globali' bla dubju hi l-aċċess għas-swieq. Ir-raġunijiet għal dan huma ħafna u varjati. L-UE hija l-akbar esportatur tad-dinja ta' prodotti, il-fornitur ewlieni tas-servizzi, u l-mexxejja fil-qasam ta' l-akkwist pubbliku u servizzi finanzjarji u ta' assikurazzjoni. Fi kliem ieħor, l-UE hi poter kummerċjali kbir orjentat lejn l-esportazzjoni.

Il-kompetittività ta' l-Ewropa hija dovuta għall-kwalità tal-ħaddiema tagħha, tradizzjoni ta' eċċellenza li tmur lura għal ħafna sekli, u suq waħdieni li fil-parti l-kbira huwa mmexxi mill-kompetizzjoni fejn Prattiki kummerċjali inġusti jiġu kkastigati bl-aħrax. Il-grad għoli ħafna ta' ftuħ u trasparenza fis-suq komunitarju ma jeżistix, madankollu, fi-swieq ta' l-imsieħba kummerċjali ewlenin ta' l-Ewropa.

Il-problemi jinsabu b' mod speċjali fil-pajjiżi li qed jitfaċċaw, li qed jirreġistraw l-oġhla rati ta' tkabbir ekonomiku u jikkostitwixxu wħud mill-aktar swieq li jippromettu għall-prodotti u s-servizzi Ewropej. Dan hu punt partikularment importanti, minħabba li l-preżenza kummerċjali ta' l-UE hija aktar sostanzjali f'pajjiżi industrijali li huma Prattikament 'saturati' bħall-Istati Uniti milli f'pajjiżi li qed jitfaċċaw bħaċ-Ċina u l-Indja. Aċċess aħjar għas-swieq barranin għal prodotti u servizzi Ewropej b' valur miżjud għoli jista' jgħin sabiex iwaqqaf il-waqqha industrijali attwali Ewropea u jkun ta' benefiċċju kbir mil-lat ekonomiku u ta'

impjjeġi.

In-negożjati multilaterali u t-twaqqif tad-WTO għamlu xi ġid billi servew sabiex inaqqsu, jekk mhux jeliminaw, l-ostakoli tat-tariffi li darba kienu jxekklu l-iżvilupp tal-kummerċ dinji.

Fir-rigward ta' ostakoli li mhumiex tariffi, madakollu, l-istampa mhijiex daqstant pożittiva. Minħabba proċeduri tad-dwana li mhumiex ċar, regolamenti diskriminatorji tas-saħħa jew tekniċi, diversi ostakoli amministrattivi, ksur serju tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u prattiki restrittivi fir-rigward ta' l-akkwist pubbliku jew l-investment barrani, l-aċċess għas-swieq ta' ċerti pajjiżi li mhumiex ta' l-UE hija kwistjoni verament diffiċli u tiswa ħafna, b'mod speċjali għall-SMEs b'fondi u riżorsi limitati.

Huwa faċli li jiġu eliminati ostakoli li mhumiex tariffi. Iżda bħalma fil-mitoloġija l-irjus ta' Hydra baqgħu jerġgħu jikbru mill-ġdid, hekk ukoll ostakoli ġodda qed jinħolqu kuljum, u qed isiru dejjem aktar sofistikati u diffiċli sabiex wieħed ineħħihom. Fil-fatt, l-ostakoli li mhumiex tariffi jvarjaw tant li l-impatt tagħhom fuq il-kummerċ dinji ma jistax jiġi valutat b'mod affidabbli. Iżda anke mingħajr figuri preċiżi, huwa raġonevoli li wieħed jissupponi li dawn għandhom riperkussjonijiet serji ħafna fuq il-prestazzjoni ta' l-esportazzjoni Ewropea, u għaldaqstant għandhom jiġu miġġielda bl-akbar determinazzjoni.

It-tneħħija ta' dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ tgħin mhux biss lill-pajjiżi l-aktar industrijalizzati iżda wkoll, u fuq kollox, lill-pajjiżi li għandhom qed jiżviluppaw li, minħabba d-dgħjufija ekonomika relattiva u n-nuqqas ta' riżorsi tagħhom, huma bla saħħa meta jiġu ffaċċjati minn prattiki abbużivi.

Minkejja li r-rapporteur jaqbel mas-sustanza tal-komunikazzjoni dwar l-aċċess għas-swieq, huwa jħoss li bilfors ikollu jsemmi l-fatt li l-Kummissjoni setgħet għamlet aktar, u missha kienet aktar kuraġġuża.

Il-Kummissjoni donnha li mhix imħassba dwar in-numru ta' uffiċjali li qed jitrattaw l-aċċess għas-swieq, jew fl-UE jew f'pajjiżi oħra (f' delegazzjoni kbira bħal dik ibbażata f'beijing, pereżempju, il-konsulenti kummerċjali huma biss 7% tal-persunal). Il-komunikazzjoni lanqas ma titkellem dwar fondi maħsuba sabiex titwaqqaf sistema Ewropea ta' informazzjoni u appoġġ għal kumpaniji ta' l-esportazzjoni; u barra minn hekk kien imissha semgħet aktar mill-proposti ġejjin mid-dinja tan-negożju.

Ħafna mill-innovazzjonijiet imsemmija fil-komunikazzjoni jirrikjedu l-parteċipazzjoni attiva ta' l-Istati Membri. Sakemm huma ma jipparteċipawx b'mod entużjast u mingħajr riservazzjonijiet, l-istrateġija l-ġdida ta' aċċess għas-swieq imħejjija mill-Kummissjoni ser tfalli. L-Istati Membri għaldaqstant iridu b'sens ta' skop iġorru r-responsabilitajiet tagħhom u jipprovdu r-riżorsi ekonomiċi u umani meħtieġa sabiex l-inizjattiva tirnexxi. Dawk ir-riżorsi sa ċertu punt diġa huma disponibbli, iżda sfortunatament ma jintużawx biżżejjed. L-użu komuni tar-riżorsi kummerċjali nazzjonali, l-iskambji ta' informazzjoni fuq bażi regolari, u t-twaqqif ta' netwerk effettiv minn dawk kollha involuti sabiex jappoġġjaw il-kummerċ (fil-livell nazzjonali u reġjonali): dawn kollha huma azzjonijiet li jistgħu jgħinu l-promozzjoni tal-kompetittività esterna ta' l-Ewropa kollha kemm hi.

Il-Kummissjoni għandha rwol importanti. L-Ewropa trid titkellem b'vuċi waħda u tfassal

approċċ politiku konsistenti għal dawk l-imsieħba kummerċjali li qed jibqgħu lura milli jifthū s-swieq tagħhom. Il-Kummissjoni għandha taħdem għall-mobilizzazzjoni ta' riżorsi li kieku jistgħu ma jintefqux tajjeb u sabiex torganizza inizjattivi ta' l-UE mingħajr, madankollu, ma tirfes fuq l-irwoli u d-dmirijiet li għandhom ikunu ta' l-Istati Membri. Barra minn hekk, għandu jinholq 'uffiċċju għall-ilmenti' sabiex jilqa' l-ilmenti u jgħaddihom, jekk hemm bżonn, lill-awtoritajiet nazzjonali xierqa.

Il-Kummissjoni għandha wkoll ittejjeb il-politika ta' komunikazzjoni tagħhom fir-rigward ta' l-aċċess għas-swieq billi tagħmel seminars u fora ta' diskussjoni fi Brussell u fl-Istati Membri, toffri servizzi bażiċi aħjar (pereżempju brochures jew struzzjonijiet fil-lingwi kollha Ewropej), u torganizza taħriġ għal uffiċjali u rappreżentanti tan-negozji li jaħdmu f'timijiet għall-aċċess għas-swieq f'pajjiżi li mhumiex ta' l-UE jew li jkunu responsabbli għall-aċċess għas-swieq fl-Istati Membri. Id-djalogu ma' l-Istati Membri għandu jkompli permezz tal-Kumitat ta' Konsulta dwar l-Aċċess għas-Swieq, li għandu jingħata aktar poteri ta' inizjattiva u ggwidar.

L-MADB hija għodda siewja għal miżuri sabiex jiġu miġġielda ostakoli li mhumiex tariffi. Is-siwi tagħha, madankollu, jista' jitjeb jekk is-sistema ssir eħfef għall-utent u mkabbra sabiex tinkludi kontenut u informazzjoni relevanti għan-nies tan-negozju u taqsimiet speċjali dwar is-servizzi u l-akkwist pubbliku.

Il-Kummissjoni għandha, għaldaqstant, tibbaża l-azzjoni tagħha fuq valutazzjoni preċiża ta' l-interessi ekonomiċi involuti, fejn l-interessi ta' l-ekonomija Ewropea kollha kemm hi għandhom jieħdu preċedenza fuq l-interessi – anke jekk leġittimi – ta' individwi u setturi speċifiċi. Huwa mixtieq ħafna li jissaħħu l-inizjattivi mmirati lejn l-SMEs; inkella jkun hemm il-periklu li l-benefiċċji ta' l-impenn Komunitarju mġedded għall-aċċess għas-swieq ikunu limitati għal numru żgħir ta' setturi ekonomiċi b'saħħithom u influwenti, mingħajr ma jkunu estiżi għal dawk il-kumpaniji li llum għadhom jirrapreżentaw il-parti l-kbira ta' l-ekonomija Ewropea, u li hemm ċans akbar li jintlaqtu mill-prattiki restrittivi stipulati min-naħat oħra.

L-UE m'għandhiex tibża' tiddefendi l-interessi leġittimi tagħha, kemm jekk permezz ta' politika kummerċjali u diplomatika aktar koerenti u soda u kemm jekk tuża l-mezzi li toffri d-WTO jew dawk stipulati permezz ta' ftehimiet reġjonali jew bilaterali (eżempju ovvjū huwa l-korp ta' ilħuq ta' ftehim għat-tilwim tad-WTO).

Il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' ftehimiet kummerċjali għandhom jinkludu klawżoli ta' salvagwardja li jippermettu lill-UE tneħħi l-ostakoli li mhumiex tariffi mingħajr dewmien u bl-inqas prezz possibbli għall-operaturi tan-negozji u għaċ-ċittadini Ewropej li jħallsu t-taxxi.

Riżultat pożittiv għan-negozjati tad-Doha kien ikun pass 'il quddiem kbir mil-lat ta' aċċess għas-swieq. Mingħajr ma titraskura n-negozjati dwar ftehimiet bilaterali ma' l-imsieħba kummerċjali ewlenin ta' l-Ewropa, il-Kummissjoni għandha tinsisti fuq ftehim ta' qafas fejn regolament speċifiku ikun jista' jintuża għal kwistjonijiet relatati ma' ostakoli li mhumiex tariffi u fejn jinstabu soluzzjonijiet b'ħeffa kull meta jkun hemm tilwim minħabba nuqqas ta' infurzar, jew nuqqas ta' konformità mal-ftehim.

Xi punti setgħu ġew diskussi aktar fil-fond, inkluż l-obbligu tal-pajjiżi membri tad-WTO li jagħmlu notifika dwar kwalunkwe miżuri li jistgħu jostakolaw il-kummerċ, u t-twaqqif korp

ta' arbitraġġ ad hoc sabiex isolvi t-tilwim u, fejn ikun xieraq, jawtorizza miżuri ta' ritaljazzjoni kummerċjali.

Mod ieħor sabiex jitnaqqas l-impatt ta' l-ostakoli li mhumiex tariffi hu l-armonizzazzjoni tar-regolamenti ta' pajjiżi membri tad-WTO. Il-progress miksub fid-Djalogu Regulatorju Transatlantiku ma' l-Istati Uniti għandu jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni sabiex iddaħħal msieħba kummerċjali oħra fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-inizjattiva.

Fl-aħħarnett, l-isforzi sabiex jiġu miġġielda l-ostakoli għall-kummerċ jiddependu fuq konsultazzjoni internazzjonali aħjar. L-iżgurar ta' swieq miftuħa mmexxija mill-kompetizzjoni jgħin lill-ekonomija dinjija kollha, indipendentament minn fejn ikunu bbażati dawk li jimmanifatturaw il-prodotti jew joffru s-servizzi. Dan il-prinċipju jgħodd kemm fi ħdan l-UE (is-soċjetajiet Ewropej għandhom jikkoperaw aktar mill-qrib bejniethom) u barra minnha, għal pajjiżi li għandhom l-istess interessi kummerċjali komuni.

Il-Parlament għandu rwol ewlieni fit-tfassil tal-prijoritajiet kummerċjali ta' l-UE. Għandhom jiġu organizzati konsultazzjonijiet permanenti mal-kumitati parlamentari relevanti; għandu jitħejja rapport annwali (ta' l-istess tip bħall-arranġament li japplika għall-istrumenti tad-difiża kummerċjali) dwar is-sistema implimentata mill-Kummissjoni; u fejn huwa xieraq, il-PE għandu jkun involut f'inizjattivi u missjonijiet ta' livell għoli immirati lejn l-ilħuq ta' ftehim għal tilwim relatat ma' aċċess għas-swieq: dawn kollha huma passi mixtieqa, mhux l-inqas sabiex jgħinu t-tnejnija għad-dħul fis-seħħ tat-trattat 'kostituzzjonali' l-ġdid.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

L-istrateġija ġdida ta' aċċess għas-swieq imfassla mill-Kummissjoni hija pass 'il quddiem sinjifikanti, iżda mhix biżżejjed. Il-Kummissjoni kellha l-mertu li reġġet fetħet id-dibattitu dwar l-aċċess għas-swieq, iżda flimkien ma' l-Istati Membri, hi trid tagħmel aktar, u fuq kollox tkun aktar kuraġġuża, jekk għandha l-intenzjoni li tagħmel suċċess minn din l-inizjattiva.

Il-komunikazzjoni għandha tiġi 'mlaħħma' kif jixraq sabiex tinkludi idea ġodda u l-kontribut ġdid li huwa meħtieġ fid-dawl kemm tal-bżonnijiet tan-negozji u kemm ta' l-esperjenza fil-post. It-timijiet ta' aċċess għas-swieq u l-MADB f'pajjiżi mhux ta' l-UE ma jistgħux jirnexxu sakemm ma jingħatawx l-appoġġ neċessarju mill-Kummissjoni u l-gvernijiet nazzjonali u jagħti provi li huma kapaċi joffru servizz reali lill-industrija Ewropea. In-negozji Ewropej, b'mod speċjali l-SMEs, iridu jitpoġġew f'pożizzjoni li jieħdu vantaġġ mis-servizzi tal-Kummissjoni, u t-triq sabiex dan jiġi realizzat hi politika ta' informazzjoni aktar effettiva u appoġġ nazzjonali u reġjonali aktar żviluppat.

L-aspetti esterni tal-komunikazzjoni bla dubju jeħtieġ li jkunu msaħħa. Barra minn użu aktar bi skop tal-mezzi li diġà huma disponibbli, jeħtieġ jiġu provduti strumenti ġodda multilaterali jew bilaterali (fid-WTO u permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles jew sħubija u koperazzjoni rispettivament) sabiex ikun possibbli li jitneħħew l-ostakoli li mhumiex tariffi u sabiex tittieħed azzjoni effettiva sabiex jinqerdu l-abbużi.

Ikun mixtieq ukoll li ssir hídma b'koordinazzjoni aktar mill-qrib ma' pajjiżi industrijalizzati oħra, li jiġu stabbiliti djalogi regulatorji, u li gradwalment jiġu armonizzati r-regolamenti

tekniċi u tas-saħħa, mingħajr ma tiddghajef il-protezzjoni mogħtija liċ-ċittadini Ewropej.

27.11.2007

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-Istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea li tiżgura aċċess għas-suq għall-kumpaniji Ewropej (2007/2185(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Edit Herczog

SUĖĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2007 dwar Ewropa Globalizzata - Aspetti esterni tal-kompetittività¹,
- A. billi biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' l-Aġenda ta' Liżbona riveduta, l-industriji fl-UE jeħtieġu jiżviluppaw u jżommu pożizzjonijiet kompetittivi u stabbli fis-swieq globali,
- B. billi din il-kompetittività, speċjalment għall-SMEs, qed tiddependi dejjem iktar fuq ir-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni u l-proprjetà intellettuali,
- C. billi żewġ prerekwiżiti ta' din il-kompetittività huma min-naħa waħda l-forniment sikur u assigurat ta' l-enerġija u min-naħa l-oħra l-aċċess mingħajr xkiel għan-negozji ta' l-UE għal iktar teknoloġiji moderni ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni,
- D. billi l-UE, kemm bħala suq integrat u kemm bħala organizzazzjoni internazzjonali, tista' tikkontribwixxi b'mod effettiv permezz ta' l-għarfien tagħha u permezz tas-saħħa tagħha fin-negozjati, għall-isforzi tan-negozji ta' l-UE biex ikollhom aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi,
- 1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tikkoordina l-oġġettivi u l-għodod tal-politika tal-kummerċ ta' l-UE u ta' l-istrateġija għall-aċċess għas-swieq b'tali mod li din l-inizjattiva tikkontrolla b'mod effettiv il-potenzjal ta' l-UE fl-oqsma tal-kummerċ

¹ Testi adottati, P6_TA(2007)0196.

internazzjonali u tal-kompetittività globali;

2. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm prijorità mmirata u tematika (iktar milli settorjali) ta' l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex tittejjer il-kompetittività esterna tan-negozji ta' l-UE u b'mod partikolari jinsisti fuq il-bżonn li jiġu żviluppati u implimentati regoli dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali;
3. Jistieden lill-Istati Membri, lill-assoċjazzjonijiet tan-negozju u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi oħra flimkien mal-Kummissjoni biex iżidu l-isforzi tagħhom u biex jikkontribwixxu għall-koperazzjoni, għall-'benchmarking' u għall-iskambju ta' l-aħjar prattiki, sabiex l-għarfien maqsum ta' l-UE dwar il-kummerċ jaqdi aħjar l-interessi tan-negozji ta' l-UE, b'mod partikolari l-SMEs li joperaw fi swieq ta' pajjiżi terzi.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	22.11.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Březina, Jerzy Buzek, Pilar del Castillo Vera, Jorgo Chatzimarkakis, Giles Chichester, Den Dover, Nicole Fontaine, Adam Gierek, Norbert Glante, Umberto Guidoni, András Gyürk, David Hammerstein, Erna Hennicot-Schoepges, Ján Hudacký, Romana Jordan Cizelj, Werner Langen, Anne Laperrouze, Eluned Morgan, Angelika Niebler, Reino Paasilinna, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Paul Rübig, Andres Tarand, Britta Thomsen, Radu Țirle, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Claude Turmes, Nikolaos Vakalis, Alejo Vidal-Quadras
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Neena Gill, Lambert van Nistelrooij, Vladimir Urutchev
Membri preżenti għall-votazzjoni finali skond l-Artikolu 178(2)	Holger Kraemer, Umberto Pirilli

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	18.12.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 5 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Francisco Assis, Graham Booth, Daniel Caspary, Christofer Fjellner, Ignasi Guardans Cambó, Jacky Hénin, Syed Kamall, Sajjad Karim, Alain Lipietz, Caroline Lucas, Marusya Ivanova Lyubcheva, Erika Mann, David Martin, Vural Öger, Georgios Papastamkos, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Gianluca Susta, Daniel Varela Suanzes-Carpegna, Iuliu Winkler, Corien Wortmann-Kool
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Stavros Arnaoutakis, Jean-Pierre Audy, Jens Holm, Jan Marinus Wiersma,
Membri preżenti għall-votazzjoni finali skond l-Artikolu 178(2)	Guy Bono, Ulrich Stockmann